MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Numru 465/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
**V**

**HESHAM GHARZ EDDIN**
**JOSEPH COMPAGNO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **HESHAM GHARZ EDDIN** ta' erbgha w ghoxrin sena, bin Sakir u Toria Mrad, imwieled l-Libja nhar l-ewel ta' April 1978 u residenti 6A, Triq il-Kavetta, Qawra, detentur tal-karta tal-identita` numru 23124A u **JOSEPH COMPAGNO** ta' dsatax il-sena bin Wilfred u Beverly Claire nee Hodge, imwieled Pieta nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 1982 u residenti Piccadilly Circle, Flat 4, Triq il-Kavetta, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 405382M gew imressqa quddiemha w akkuzati talli fit-

tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2002 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija, fin-Naxxar, flimkien ma persuna ohra:

1. Ikkommettew serq ta' kollana tal-perli ghad-detriment ta' Sebastian Mifsud minn Naxxar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bi vjolenza numerika;

2. Talli fl-istess data u fil-jiem ta' wara f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe il-kollana hawn fuq imsemmija sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom;

3. Talli fit-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2002, ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija fin-Naxxar, dolozament bil-hsieb li jikkommettu reat u cioe dak ta' serq, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minmhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom, liema delitt li kieku sehh, kien ikun kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-vjolenza numerika;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe fil-bieb tal-aluminium, liema hsara tiskorri l-ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Sebastian Mifsud minn Naxxar.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro a fol 20 et seq tal-atti processwali kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta' Lulju 2002 esibit fl-atti a fol 12 markat bhala dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li z-zewg imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi gudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar liz-zewg imputati ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap

9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-hmistax ta' Mejju 2003 kif jirrizulta a fol 16 tal-atti processwali.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll ix-xhieda tad-difiza.

Ikkunsidrat:

**PS 226 Paul Bonanno xehed** nhar l-ghaxra ta' Dicembru 2003 kif jirrizulta a fol 87 et seq tal-atti, fejn spjiega li waqt li huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija Naxxar fit-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2002, kien gie rappurtat lilu li kien hemm xi persuna li kienet dahlet fil-fond residenzjali 'Casa Zamberett', Triq San Pawl, Naxxar. Hemmhekk iltaqa ma Sebastian Mifsud u qallu li kienu dahlulu fid-dar u li kien sab sellum jaghti gol-gnien tieghu minn villa biswit, il-bieb ta' wara mkisser u l-kamra tas-sodda principali mqallba kollha.

**Angela u Sebastian Mifsud**, l-allegati vittmi f'dan il-kaz, t-tnejn xehdu viva voce l-Qorti. **Angela Mifsud** nhar l-ghaxra ta' Dicembru 2003, kif jirrizulta a fol 94 tal-atti, **ikkonfermat** li dakinhar meta sabet l-isgass fid-dar taghha m'insterqilha xejn filwaqt li **Sebastian Mifsud**, li xehed wkoll dakinhar tal-ghaxra ta' Dicembru 2003 kif jirrizulta a fol 85 tal-atti, ghamel referenza ghax-xhieda li kien ta fl-inkjesta w ikkonferma li bhala hsara fil-bieb nefaq sittin lira maltin biex irrangah. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li ma kienx f'posizzjoni jghid x'insteraq mill-fond u li martu Angela Mifsud, kienet f'posizzjoni ahjar tghid x'kien insteraq f'kaz li rrizulta li kien insteraq xi haga.

**Sebastian Mifsud fl-inkjesta** iddeskriva dak li ra fid-dar tieghu dakinhar tal-incident u cioe fit-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2002. Dan ix-xhud xehed li kien sab il-hgiega tal-bieb tal-bitha mal-art fil-kamra tal-ikel fejn kien hemm kxaxen miftuhin u l-wallunit tas-salott, miftuh. Xehed li ra xi ticpis ta' demm fuq it-tebqa tal-bieb tal-kcina. Fid-drive-in tal-fond adjacenti nnota xuguman bid-demm. Fil-bitha sab skalpella u mazza li hargu mill-garaxx tieghu. Osserva li ma hajt tal-gnien fuq in-naha tax-xellug kien hemm sellum jserrah mal-istess hajt u dan l-istess sellum

wkoll harguh mill-garaxx tieghu. Sab ticpis fil-main bedroom wkoll.

Illi fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2004, iz-zewg imputati tramite l-Avukat Difensur taghhom irregistraw ammissjoni ghal akkuza ta' attentat ta' serq mill-fond fuq deskritt.

Illi mill-provi prodotti u cioe mix-xhieda tal-vittmi Angela u Sebastian Mifsud, ma jidhirx li nsteraq xi oggett u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li din l-akkuza, kif wkoll l-akkuza alternattiva moghtija mill-Prosekuzzjoni u cioe dik ta' ricettazzjoni, ma jirrizultawx.

Dwar it-tielet akkuza, il-Qorti hija rinfaccjata bl-ammissjoni tal-istess imputati u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti ssibhom t-tnejn hatja ta' din t-tielet akkuza.

Dwar r-raba akkuza, u cioe dik ta' hsara voluntarja, din tirrizulta wkoll ghaliex hija il-konsegwenza tar-reat ta' attentat ta' serq u skond ix-xhieda ta' Sebastian Mifsud, huwa sofra danni voluntarji fl-ammont ta' sittin lira maltin.

**Dwar il-piena**, il-Qorti rat il-fedini penali taz-zewg imputati kif esibiti fl-atti a fol 13 markata bhala dokument CSH 1 dik ta' Hesham Gharz Eddin u a fol 14 markata bhala dokument CSH 2 dik tal-imputat Joseph Compagno.

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat Hesham Gharz Eddin jirrizulta li dan kellu kondotta nadifa sa meta kkommetta dan r-reat u ghalhekk ghandu jigi trattat bhala a first time offender. Izda minn ezami tal-fedina penali tal-imputat Joseph Compagno, li ma hiex updated, jirrizulta li dan kien instab hati biss f'zewg okkazzjonijiet fuq kontravenzjoni ta' portata zghira tant li kien gie kkundannat jhallas amendi zghar.

Il-Qorti rat wkoll r-rapport tal-Probation Officer Mary Grace Vella markat bhala dokument MV fl-atti odjerni minn fejn jirrizulta li minn dakinhar li harget il-kondotta esibita fl-atti ta' Joseph Compagno, huwa nghata zewg sentenzi ohra fis-sena 2002, wahda minnhom dwar ingurji lejn Ufficjal

Pubbliku u nuqqas ta' obbidjenza lejn l-ordnijiet tieghu meta gie kkundannat tletin lira multa w instab hati ta' reat iehor ta' serq ta' basket u camera tar-ritratti meta nghata piena ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Illi pero fix-xhieda tal-istess Probation Officer Mary Grace Vella nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2004, hija tispjiega li l-imputat Joseph Compagno nghata wkoll zewg sentenzi b'ordni ta' Probation minn din il-Qorti diversament preseduta.

Illi ghalkemm l-imputat Joseph Compagno ma giex akkuzat li huwa recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9, xorta din il-Qorti sejra tikkonsidrah bhala li huwa recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront tal-imputat Hesham Gharz Eddin, il-Qorti semghet lil **Diane Seychell tixhed** nhar t-tmienja ta' Gunju 2004, fejn qalet li hija ilha tghix mieghu ghal zmien ta' sentejn u minn din ir-relazzjoni ta' bejniethom twieldet tarbija. Illi Hesham Gharz Eddin illum il-gurnata qed jahdem hafna u jghix hajja ta' bzulija u jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja.

Illi l-Qorti m'ghandha l-ebda prova ohra quddiemha u ghalhekk sejra tittratta mieghu bhala *a first time offender*.

**Dwar il-piena** applikabbli fil-kofnront tal-imputat Joseph Compagno, il-Probation Officer Mary Grace Vella tghid li fil-present huwa jinsab detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Illi l-feedback li hija tircievi dwaru mill-assistant manager tal-Facilita Korrettiva, Joanne Battistino, kien dejjem posittiv u fil-fatt l-imputat irregistra progress fir-rihabilitazzjoni tieghu. Fil-fehma taghha l-imputat Joseph Compagno huwa kandidat tajjeb ghal Community Services. Hija spjiegat li s-sentenza t'inkarcerazzjoni li giet moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali kellha l-effett ta' deterrent mixtieq fuqu u li llum jinsab f'posizzjoni ahjar li jaghraf il-konsegwenzi ta' l-ghemil tieghu. Fil-fehma taghha ghalhekk, sentenza t'inkarcerazzjoni ma tkunx opportuna peress li hemm cans kbir li jintilef l-progress li qed isir minnu.

Illi nhar t-tmienja ta' Gunju 2004, l-istess Ufficjal Mary Grace Vella, stqarret li hija ghamlet kuntatt mal-Fondazzjoni Eden Foundation u tkellmet ma Doctor Josie Muscat li qalilha li kien lest li jaccetta dan il-kandidat sabiex jaghmel xoghol ta' komunita fil-fondazzjoni tieghu bhala care worker fil-maintenance una volta il-Qorti tipprovdi hekk.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 41, 261(b)(e)(a), 262, 263, 276, 277, 334 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li qed issib liz-zewg imputati HESHAM GHARZ EDDIN u JOSEPH COMPAGNO hatja tal-akkuza ta' attentat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bi vjolenza numerika u ta' hsara voluntarja f'ammont ta' sittin lira maltin u tiddecidi billi tillibera lil imputat HESHAM GHARZ EDDIN ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien operativ tal-ordni tal-probation u lil imputat JOSEPH COMPAGNO tiddecidi li tpoggih taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation li ghandu jigi nominat mid-Direttur tal-Probation Services u ghalhekk il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha sabiex possibilment tigi nominata Mary Grace Vella li diga qeghad tiehu hsieb u tissorvelja lil imputat Joseph Compagno u dan ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan pero ai termini tal-artikolu 11(1) tal-istess Kap 446, tordna lil imputat probationer Joseph Compagno jaghti servizz lil komunita bla hlas u cioe ghal Fondazzjoni Eden [li minn naha taghha lesta li taccettah skond ix-xhieda ta' Mary Grace Vella] ghal perjodu ta' massimu permess mill-ligi ta' mitt siegha, liema hinijiet ta' xoghol ghandhom jigu ffissati bejn d-Direttur ta' din il-Fondazzjoni, il-Probation Officer u l-imputat probationer sabiex f'kaz li l-imputat isib impjieg regalari, dan ma jigix effettwat.**

**Tordna wkoll ai termini tal-artikolu 24(1) tal-istess Kap 446, li l-imputat probationer Joseph Compagno jhallas**

**s-somma ta' mitt lira maltin lil konjugi Mifsud bhala kumpens ghal hsarat li sofrew.**

**L-imputat probationer Joseph Compagno ghandu jibqa f'kuntatt regolari u kontinwu mal-Ufficjal specjalment waqt il-perjodu ta' Community Service.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza liz-zewg hatja u x'jigri jekk kull wiehed minnhom jonqos li josservaha, li minn naha taghhom iddikjaraw li fehmu ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------